**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN**

**24 ta' Awwissu, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Marylin Sammut.

**SKUŻAT**

Iċ-Chairperson is-Sur Pierre Farrugia u l-membru Kevin Sam Farrugia, nfurmaw li ma setgħux jattendi minħabba raġuni familjari u minħabba safar rispettivament.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ppresediet il-laqgħa fin-nuqqas taċ-Chairperson.

**27.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

27.1.1 Ġew approvati l-minuti tas-sitta u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

***27.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

27.2.1 Il-membru Joseph D'Amato informa lill-Kumitat Amministrattiv li kellu laqgħa mal-perit li qed jieħu ħsieb il-proġett ta' Triq Fra Ganmarie Zammit u nfurmah li x-xogħol ta' konkos lest u l-ħajt ser jitressaq b'metru 'l barra biex ikun hemm aktar spazzju għall-playing equipment.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Gokker Ltd informa li jekk l-art tikber b'metru fuq naħa waħda l-playing equipment li offra u s-

safety material għal taħtu jkunu skont kif titlob il-liġi.
Kien hemm qbil li jitkompla l-proċess u li l-Kumpanija Gokker Ltd tintalab biex tagħti playing equipment żgħir bla ħlas bħala kumpens tal-ħajt li kellu jiċċaqlaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wriet stimi u ritratti ta' bollards biex jintgħażlu għal dan il-proġett.
Wara diskussjoni kien hemm qbil li jiġu ordanti 6 bollards galvanizzati li jammontaw għal €175 incl Vat –il waħda, mingħand il-kumpanija Mquip Co Ltd.

27.2.1 Iċ-Chairperson Maria Schembri staqsiet fejn kienet it-talba li jitwaħħal id-dog bin f'Bubaqra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali dog bin ser jitwaħħal fi Triq Bubaqra viċin is-Substation tal-Enemalta.

27.2.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li fi Triq il-Qiegħa u Triq is-Sardinell xi residenti joħorġu l-iskart tagħhom sa mil-5:45 ta' filgħodu u ma jpoġġuħx quddiem ir-residenza tagħhom imma saħansitra jwaddbuh viċin l-art li tinsab f'nofst Triq il-Qiegħa.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv titlob lill-Eco Wardens jekk jagħtux servizz ta' satgħejn fl-akwata u jekk ir-risposta tkun pożittiva jiġu ordnati biex jagħtu s-servizz tagħhom. Jekk ir-risposta tkun negattiva, l-Kumitat Amministrattiv jingħaqad ma Kunsill fil-viċinanzi biex jaqsam il-ħinijiet miegħu. Il-ħin meħtieġ hu ta' bejn is-6:00 u t-8:00 ta' filgħodu.

27.2.3 Il-membru Marilyn Sammut fakkret lill-Kumitat Amministrattiv li l-attivita' li jmiss f'Bubaqra li ser issir b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Karmelitana u Banda QV ser issir fid-29 ta' Ottubru, 2016 fil-għaxija.

***27.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

27.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:00 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru, 2016 fil-17:00.

Konfermati, illum ___ ta' Settembru, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**